Il-prodotti Dell Wireless WLAN Card huma maħsuba biex jaħdmu flimkien ma' kwalunkwe prodott *wireless* LAN li hu bbażat fuq teknoloġija tar-radju *direct sequence spread spectrum* (DSSS) u *orthogonal frequency division multiplexing* (OFDM) u biex ikunu konformi ma' l-istandards li ġejjin:

- Standard IEEE 802.11a dwar 5 GHz Wireless LAN
- Standard IEEE 802.11b-1999 dwar 2.4 GHz Wireless LAN
- Standard IEEE 802.11g dwar 2.4 GHz Wireless LAN
- Iċ-ċertifikazzjoni Wireless Fidelity (Wi-Fi), kif definita mid-WECA (Wireless Ethernet Compatibility Alliance)

## Sigurtà

Id-Dell Wireless WLAN Card, bħal tagħmir ieħor tar-radju, tipproduċi enerġija elettromanjetika tar-radju frekwenza. Madankollu, il-livell ta' enerġija li toħroġ minn dan it-tagħmir hu inqas mill-enerġija elettromanjetika li toħroġ minn tagħmir *wireless* ieħor, bħal telefons ċellulari. It-tagħmir Dell Wireless WLAN Card jaħdem fi ħdan il-linji gwida li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà tar-radju frekwenza. Dawn l-istandards u rakkomandazzjonijiet jirriflettu l-konsensus tal-komunità xjentifika u jirriżultaw minn deliberazjonijiet ta' *panels* u kumitati ta' xjenzjati, li jevalwaw u jinterpretaw il-ħin kollu l-letteratura estensiva dwar ir-riċerka.  F'xi sitwazzjonijiet jew ambjenti, l-użu ta' tagħmir *wireless* Dell Wireless WLAN Card, jista' jkun ristrett mis-sid tal-bini jew mir-rappreżentanti responsabbli ta' l-organizzazzjoni applikabbli.

Eżempji ta' sitwazzjonijiet bħal dawn jinkludu dawn li ġejjin:

- Li tuża tagħmir Dell Wireless WLAN Card fuq l-ajruplani, jew
- Li tuża tagħmir Dell Wireless WLAN Card fi kwalunkwe ambjent ieħor fejn ir-riskju ta' interferenza ma' tagħmir jew servizzi oħrajn ikun meqjus jew identifikat li hu ta' ħsara.

Jekk m'intix ċert dwar il-politika li tapplika għall-użu ta' tagħmir *wireless* f'organizzazzjoni jew ambjent speċifiku, (ajruport, per eżempju), inti mħeġġeġ li titlob l-awtorizzazzjoni biex tuża t-tagħmir Dell Wireless WLAN Card qabel ma' tixgħelha.

### Twissija dwar il-Prossimità ta' Tagħmir Splussiv

Tħaddimx trasmettitur portabbli (bħal tagħmir *wireless* tan-netwerk) qrib *blasting caps* li ma jkunux protetti, jew f'ambjent esploživ, ħlief jekk it-tagħmir kien modifikat biex jikkwalifika għal użu bħal dan.

### Twissija dwar l-Użu fuq l-Ajruplani

Ir-regolamenti tal-FCC u ta' l-FAA jipprojbixxu li tagħmir *wireless* li jipproduċi r-radju frekwenza jitħaddem fuq l-ajruplani, għax is-sinjali tiegħu jistgħu jinterferixxu ma' strumenti essenzjali ta' l-ajruplan.

**Informazzjoni Regolatorja**

It-tagħmir tan-netwerk Dell Wireless WLAN Card għandu jkun installat u użat strettament b'konformità ma' l-istruzzjonijiet tal-manifattur kif deskritt fid-dokumentazzjoni ta' l-utent li tiġi mal-prodott. Dell Inc. mhix responsabbli għal kwalunkwe interferenza tar-radju jew tat-televiżjoni li tkun ikkawżata minn tibdil mhux awtorizzat tat-tagħmir inkluż ma' dan il-kitt Dell Wireless WLAN Card, jew is-sostitutuzzjoni jew it-twaħħil ta' kejbils li jikkonnettjaw u ta' tagħmir li ma jkunux dawk speċifikati minn Dell Inc. Il-korrezzjoni ta' l-interferenza kkawżata minn sostituzzjoni mhux awtorizzata, jew mit-twaħħil, hi r-responsabbiltà ta' l-utent. Dell Inc. u l-aġenti u d-distributuri awtorizzati tagħha, mhumiex responsabbli għal kwalunkwe ħsara jew ksur tar-regolamenti governattivi li jistgħu jinħolqu jekk l-utent ma jkunx konformi ma' dawn il-linji gwida.

**Approvazzjonijiet tar-Radju**

Hu importanti li tiżgura li tuża biss it-tagħmir tiegħek tar-radju f'pajjiżi fejn it-tagħmir ikun approvat għall-użu. Biex tistabbilixxi jew intix permess biex tuża t-tagħmir *wireless* tan-netwerk f'pajjiż speċifiku, iċċekkja biex tara jekk in-numru tat-tip ta' radju li hu stampat fuq it-tikketta ta' l-identifikazzjoni tat-tagħmir tiegħek, jew jekk hux elenkat fuq il-lista ta' l-approvazzjoni tar-radju li tinsab fuq is-sit ta' appoġġ fuq l-Internet fuq http://support.dell.com.